MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 1030/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 153/12 fl-ismijiet :**

**Mabrouk Limited (C2730)**

**vs**

**Joseph Ciantar (672240M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Joseph Ciantar ("ir-rikorrent") [intimat fil-Mandat ta` Sekwestru fl-ismijiet premessi] ("il-Mandat") presentat fil-15 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex *ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha datat 3 ta` Frar 2012* li permezz tieghu hareg il-Mandat.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Ottubru 2012.

Rat ir-risposta ta` Mabrouk Limited ("l-intimata") [rikorrenti fil-Mandat] li taqra hekk –

*Illi huma jopponu ruhhom ghat-talba kontenuta fir-rikors tal-15 ta` Ottubru 2012 u dan billi hemm ga sentenza fil-konfront ta` Joseph Ciantar li ghad ma gietx sodisfatta. Illi jekk ir-rikorrent irid jottjeni il-hrug ta` kontromandat ghandu jipprocedi bl-ghoti ta` garanzija fit-termini tak-ligi u mhux altrimenti.*

Wara li kien sodisfatt dak li jghid l-Art.836(3) tal-Kap.12, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi dwar ir-rikors *in camera* fit-termini ta` l-Art.836(4) tal-Kap.12.

**Ikkunsidrat :**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (ir-rikorrent fil-kaz tal-lum) jipprocedi skond l-Art.836(1) tal-Kap.12 sabiex jitlob ir-revoka tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1). Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent ressaq it-talba tieghu abbazi tal-paragrafu (c) li jaqra hekk –

*li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni*.

Ir-rikorrent qieghed jallega illi ma hemmx aktar htiega ghall-Mandat ghaliex *bi ftehim mar-rikorrenti* (u

cioe` l-kumpannija intimata fil-procediment tal-lum) *kien ikkostitwixxa ipoteka specjali (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) in kawtela tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti fuq propjeta` tieghu bl-indirizz 6, Triq Fuq tal-Hawli, Tal-Hawli Housing Estate, Vittoriosa, quddiem in-Nutar Dottor John Gambin fis-17 ta` Gunju 1992 liema ipoteka ghada fis-sehh.*

Jirrizulta mill-kuntratt esebit bhala Dok A illi l-ipoteka specjali de qua saret bi ftehim bejn il-partijiet ghaliex l-intimata kienet ipprezentat Mandat ta` Impediment tas-Safar kontra r-rikorrent u kontra ibnu. Illum Mandat ta` dik ix-xorta f`cirkostanzi bhal dawk tar-rikorrent ma ghadx ghadu fis-sehh. Fl-istess waqt mhuwiex kontestat illi l-ipoteka specjali ghadha veljanti.

Jirrizulta illi l-kawza li ghaliha jaghmel riferenza r-rikorrent u cioe` *Wilhelmina Abela bhala direttrici u in rappresentanza ta` Mabrouk Limited vs Alex Ciantar u Joseph Ciantar* (Citaz. Nru. 1307/1984/GC) kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Jannar 2012. Sar appell minn dik is-sentenza li ghadu mhux appuntat.

Bis-sahha ta` dik is-sentenza, ir-rikorrent <u>wahdu</u> kien ikkundannat ihallas lill-intimata s-somma ta` sebgha u tletin elf mitejn u tmenin Ewro (€37,280) ekwivalenti ghal sittax-il elf lira (Lm16,000) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni.

Kontrotalba li r-rikorrent kien ipprezenta kontra l-intimata kienet deciza favur ir-rikorrent bil-kundanna tal-intimata ghall-hlas a favur ir-rikorrent tal-ammont ta` erbat elef mitejn erbgha u sebghin Ewro tnejn u hamsin centezmu (€4274.52) ekwivalenti ghal elf tmien mija erbgha u tletin lira sitta u hamsin centezmu (Lm1,834.56) mid-data tal-presentata tal-kontrotalba

In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza, il-Qorti pprovdiet illi l-ispejjez tal-esperti gudizzjarji kellhom ikunu a kariku biss tar-rikorrent filwaqt illi l-ispejjez l-ohra kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Huwa evidenti illi ghalkemm skond ic-certifikat tal-Perit Charles Buhagiar datat 25 ta` Gunju 2012 (Dok B) il-valur tal-fond 6, Triq Fuq Tal-Hawli, Hawli Estate, Vittoriosa, kien stmat fl-ammont ta` mitejn u hamest elef Ewro (€205,000), l-ipoteka specjali a favur tal-intimata hija <u>limitata</u> ghall-valur ta` Lm18,000 meta skond is-sentenza ta` din il-Qorti tas-27 ta` Jannar 2012 l-ammont dovut lill-intimata mir-rikorrent f`sorte, imghaxijiet u spejjez tal-kawza certament sejjer jaqbez sew il-figura ta` Lm18,000, anke jekk mit-total jinqata` dak illi l-intimata trid taghti lir-rikorrent f`sorte u imghaxijiet in vista tal-kontrotalba.

Sabiex tista` tasal ghat-thassir tal-Mandat skond l-Art.836(1)(c) tal-Kap 12, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm *garanzija ohra* li *tista'* ***<u>tassigura bizzejjed</u>*** *il-pretensjoni*. (enfasi tal-qorti). Bl-ipoteka specjali fuq il-fond de quo sal-ammont ta` Lm 18,000, il-pretensjoni tal-intimata mhijiex assigurata bizzejjed ghall-finijiet tad-disposizzjoni citata.

Sabiex ikun f`qaghda ahjar li jissoddisfa lill-Qorti skond l-istess disposizzjoni, jehtieg li r-rikorrent jaghmel il-konteggi ta` dak li huwa dovut lill-intimata skond is-sentenza tas-27 ta` Jannar 2012, anke jekk hemm appell pendenti, jirregistra ipoteka specjali fuq il-fond de quo a favur tal-intimata ghall-ammont il-gdid, u jassikura li l-ipoteka specjali tal-intimata tigi l-ewwel fil-kaz li r-rikorrent ghandu kredituri ohra li rregistraw ipoteki ohra kontrih.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba kif dedotta tar-rikorrent Joseph Ciantar, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------